# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1077/88 D1 NA**

**Mario Spiteri**

**vs**

**Herman Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ipprezentata mill-attur fit-28 ta' Novembru, 1988 illi permezz taghha l-istess attur ippremetta:

Illi l-konvenut kien gie impjegat biex jahdem fil-'Carolina Hotel', Bugibba, ghall-habta ta' Settembru, 1987;

Illi fil-kors tax-xoghol tieghu l-konvenut ikkommetta diversi zbalji li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza, fosthom

‘overbookings’, ma baghatx kontijiet lill-klijenti, hareg kontijiet zbaljati u ma rregistrax tajjeb dak li hu dovut mill-klijenti;

Illi l-impjieg tal-konvenut gie terminat fid-29 ta’Ottubru, 1988 permezz ta’ skrittura tat-2 ta’ Novembru ai termini ta’ liema l-konvenut obbliga ruhu li jaghmel ‘handover’ regolari;

Illi l-konvenut naqas li jaghmel dan;

Illi l-agir tal-konvenut arreka dannu konsiderevoli lill-attur;

TALAB li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur;

2. tillikwida dawn id-danni;

3. tinnomina perit ghall-finijiet tal-likwidazzjoni; u

4. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza tat-18 ta' Novembru, 1988 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhiedaipprezentata mill-attur.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas milli jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fil-5 ta' Mejju, 1989 illi permezz tieghu gie nominat Dr. Henri Mizzi bhala perit legali sabiex jirrelata dwar ir-responsabbilita' tad-danni pretizi u biex talvolta jillikwida dawn id-danni.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 1992 illi permezz tieghu gie revokat l-inkarigu moghti lil Dr. Henri Mizzi u d-digriet moghti fis-17 ta' Frar, 1993 illi permezz tieghu gie sostitwit minfloku Dr. Paul Gauci Maistre' bl-istess inkarigu u fakoltajiet.

Rat ir-rapport prezentat u mahluf mill-perit legali Dr. Paul Gauci Maistre' fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 1997.

Rat l-atti kollha processwali l-ohra.

Semghet it-trattazzjoni tal-attur.

Ikkunsidrat:-

F'din il-kawza l-attur qieghed jirreklama l-hlas tad-danni illi huwa allegatament sofra minhabba tortijiet u nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut meta l-istess konvenut kien impjegat mieghu bhala 'receptionist' u 'sales marketing manager' fil-'Carolina Hotel' fil-perjodu ta' circa sena bejn Settembru 1987 u Ottubru 1988. Dawn id-danni kienu b'rizultat ta' diversi fatturi fosthom 'overbookings', diskrepanzi fil-'cash book', kontijiet zbaljati u nuqqasijiet simili.

Sabiex isostni t-talba tieghu ghall-hlas tad-danni l-attur jehtieg illi jipprova zewg affarijiet, u cioe' illi huwa sofra danni kagun tal-operat kolpuz jew negligenti tal-konvenut u jehtieg ukoll illi jipprova l-konsistenza ta' dawn id-danni.

Il-provi prodotti mill-attur kienu jikkonsistu principalment fix-xhieda tal-attur innifsu, diversi dokumenti minnu ezebita in

sostenn ta' dik ix-xhieda, u x-xhieda ta' Frank Bugelli, li kien impjegat bhala 'accountant' mal-kumpanija tal-attur.

Fir-rapport tieghu l-perit legali gabar id-diversi reklami tal-attur taht disa' (9) kapi differenti illi huma s-segwenti:

1) 'Booking' errat ta' grupp ta' turisti mibghuta Malta mid-ditta Tedeska 'Fisher Reisen Limited';

2) Nuqqas li jibghat il-kontijiet fil-hin lill-agenzija Ingliza 'Brustin Travel', b'konsegwenza ta' telf fuq il-kambju;

3) Diskrepanzi fil-'Cash book';

4) Ghotja ta' rati irhas izjed minn dak li kien awtorizzat lill-kumpanija 'Ruth Rich Reisdienst';

5) Pagament ridott da parti tas-socjeta' Brittania Services Limited minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut u telf ta' negozju mad-ditta estera 'Nats Holidays';

6) Ghotja ta' rati irhas izjed minn dak li kien awtorizzat lill-kumpanija 'Teddy's Reisen';

7) Danni dovuti lid-ditta ‘Bon Adventure Holidays’;

8) Spejjez zejda inkorsi b’rizultat ta’ ‘overbookings’ maghmula mill-konvneut; u

9) Ammont ta’ flus illi ha l-konvenut mill-‘hotel cash’.

Il-Qorti ezaminat fid-dettall ix-xhieda tal-attur u tal-‘accountant’ tieghu Frank Bugelli u kif ukoll id-dokumenti kolha ezebiti u taghmel taggha l-osservazzjonijiet maghmula u l-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali fuq kull wahda mid-disa’ (9) kapijiet fuq imsemmija illi fuqhom l-attur kien qieghed jirreklama il-hlas tad-danni.

Din il-Qorti, fir-rigward tad-disa’ (9) kap, u cioe’ s-somma bilancjali ta’ hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550) allegatament mehuda mill-konvenut mill-‘hotel cash’, trid li tirriafferma dak li qal fir-rapport tieghu l-perit legali fis-sens illi dwar dan jirrizulta illi l-ahjar prova kienet tkun ix-xhieda ta’ Caroline Spiteri, bint l-attur, illi inspjegabilment ma gietx prodotta bhala xhud, u li ghalhekk ix-xhieda tal-attur u tax-xhud tieghu Frank Bugelli dwar dak li qaltilhom in rigward ta’ dan l-incident l-imsemmija Caroline Spiteri tikkostitwixxi biss

'hearsay evidence' illi hija inammissibbli, filwaqt illi zzid tosserva illi l-fatt biss li konvenut ikun baqa' kontumaci fih innifsu ma jammontax ghall-ammissjoni ghaliex il-kontumacja tista' titqies fiha nnifisha bhala forma ta' kontestazzjoni u certament li ma tezonerax lill-attur mill-obbligu illi jipprova t-talbiet tieghu bl-ahjar provi illi jkollu ghad-dispozizzjoni tieghu ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Din il-Qorti, filwaqt illi tabbraccja u taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali, tiddikjara ruhha sodisfatta illi mill-provi prodotti l-attur irnexxielu jipprova illi, minhabba nuqqasijiet u tortijiet imputabbli lill-konvenut, huwa sofra danni fis-somma ta' sebat elef, erba' mija u sebgha u tletin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm7,437.86) kif likwidati mill-perit legali fir-rapport peritali minnu ipprezentat u mahluf.

Ma' dan l-ammont hekk likwidat trid ukoll tizdied is-somma ta' Lm2011 imhallsa lil "Limestone Holiday Ltd.".  Dawn l-ammonti gew ippruvati bid-dokumenti esebiti mill-attur b'nota tal-15 ta' Mejju 1997.  Ir-rapport tal-Perit Legali jgib id-data tal-15 ta' April 1996 filwaqt illi l-pretenzjoni tas-socjeta' fuq citata giet avvanzata fit-28 ta' Novembru 1996 u l-ammont rifuz mill-attur fit-2 ta' Dicembru 1996 (vide fol. 70 u 71 tal-process).

Dan l-ammont ghalhekk ma setax jitqies mill-Perit Legali minkejja illi jirrizulta mill-provi li huwa wkoll dovut lill-attur. L-ammont totali ghalhekk dovut lill-attur mill-konvenut huwa ta' disat elef tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm9358).

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-attur;

2. tillikwida l-istess danni fl-ammont ta' disat elef tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm9358) kif fuq spjegat;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat u dana bl-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.